MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 592/2002

**Avviz numru 592/2002DM**

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) LImited**

**Vs**

**Dominic Cassar u Lespanya Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u sebgha u erbghin Lira u sebgha u ghoxrin centezmi (Lm2547.27) rapprezentanti bilanc fuq prezz ta' merci ordnati mill-konvenuti Dominic Cassar u kkonsenjati lilu u mhux imhallsin skond kif jidher fuq il-prospett anness mall-avviz u mmarkat bhala Dok A.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti jew min
minnhom, iz-zewg konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l- konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tallum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esibiti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti in solidium bejnithom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn, hames mija u sebgha u erbghin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmi (Lm2547.27) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena 2002;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Magistrat

-------------------------------TMIEM-------------------------------